DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 88/2014

tas-16 ta' Mejju 2014

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ([1]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija ([2]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 ([3]) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ([4]), li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 iħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 ([5]) u (KEE) Nru 3118/93 ([6]) u d-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 iħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 ([8]) u (KE) Nru 12/98 ([9]), li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.

(7) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 19 (id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE):

"19a. **32009 R 1071:** Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.
([3]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.
([4]) ĠU L 124, 23.5.1996, p. 1.
([5]) ĠU L 95, 9.4.1992, p. 1.
([6]) ĠU L 279, 12.11.1993, p. 1.
([7]) ĠU L 374, 27.12.2006, p. 5.
([8]) ĠU L 74, 20.3.1992, p. 1.
([9]) ĠU L 4, 8.1.1998, p. 10.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 7(1), dwar l-Istati tal-EFTA l-kliem 'fil-muniti nazzjonali tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja' jinqraw 'fil-muniti tal-Istati tal-EFTA' u l-kliem 'ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*' jinqraw 'ippubblikat uffiċjalment f'kull Stat tal-EFTA'.

(b) L-Istati tal-EFTA jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa mill-Istati Membri tal-UE skont l-Artikolu 21 tar-Regolament. Għall-finijiet ta' dan ir-rikonoxximent, fid-dispożizzjonijiet taċ-ċertifikat stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament, ir-referenzi għall-'Istat(i) Membru/i' tinqara 'Stat(i) Membru/i tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja'.

(c) Il-Komunità u l-Istati Membri tal-KE jirrikonoxxu ċ-ċertifikat maħruġ mill-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja skont ir-Regolament kif addattat fl-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness.

(d) Meta jkun maħruġ mill-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, iċ-ċertifikat jikkorrispondi mal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness.

(e) Fl-Anness I, ir-referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE tinbidel b'referenza għar-Rakkomandazzjoni 2008/C 111/01 tat-23 ta' April 2008 dwar it-twaqqif ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja."

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt 24e (ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat bi:

— **32009 R 1073:** Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88)."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 25 (id-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"25a. **32009 R 1072:** Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 1(2), jiġi ssostitwit b'li ġej:

'Fil-każ ta' ġarr minn Parti Kontraenti lejn pajjiż terz u viċi versa, dan ir-Regolament ma japplikax għal dik il-parti ta' kwalunkwe vjaġġ imwettqa fit-territorju tal-Parti Kontraenti ta' ħatt jew ta' tagħbija, sakemm ma jsirx qbil mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti.'

(b) L-Artikolu 1(3), jiġi ssostitwit b'li ġej:

'Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet, marbuta mal-ġarr minn Stat tal-EFTA lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 2, stabbiliti bi ftehimiet bilaterali konklużi bejn Stat tal-EFTA u pajjiż terz li, jew taħt awtorizzazzjonijiet bilaterali jew taħt ftehimiet ta' liberalizzazzjoni li jippermettu t-tagħbija u l-ħatt f'Parti Kontraenti minn trasportaturi stabbiliti f'Parti Kontraenti oħra, dment li jiġi rispettat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn it-trasportaturi tal-Komunità u t-trasportaturi minn Stat tal-EFTA.'

(c) L-Istati tal-EFTA jirrikonoxxu liċenzji Komunitarji u attestazzjonijiet tax-xufiera maħruġa mill-Istati Membri tal-UE skont ir-Regolament. Għall-għanijiet ta' tali rikonoxximent, fid-Dispożizzjonijiet Ġenerali tal-liċenzja tal-Komunità, stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, u tal-attestazzjoni tax-xufier, stipulata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għal 'il-Komunità' jinbidlu għal 'il-Komunità u l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja' u referenzi għal 'l-Istati Membri' jinbidlu għal 'Stat(i) Membri tal-UE u (jew) l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.'

(d) Il-Komunità u l-Istati Membri tal-UE jirrikonoxxu l-liċenzji u l-attestazzjonijiet tax-xufiera maħruġa minn Stat tal-EFTA skont dan ir-Regolament, kif addattat f'parti b) tal-Annessi II u III fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

(e) Meta maħruġin minn Stat tal-EFTA, il-liċenzji u l-attestazzjonijiet tax-xufiera jikkorrispondu mal-mudelli stabbiliti fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

(f) Fl-Artikolu 5(1)(b) u 5(2), il-kliem 'skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 rigward l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul' u 'skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/109/KE' ma japplikawx.

(g) It-test tal-Artikolu 9(1)(e) jiġi mibdul ma' dan li ġej:

'VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) jew taxxa fuq il-fatturat fuq servizzi ta' trasport.'

(h) F'sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10:

— fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, 'Kummissjoni' għandha tinqara 'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' u 'Kunsill' tinqara 'Kumitat Permanenti tal-EFTA';

— jekk il-Kummissjoni tirċievi talba mingħand Stat Membru tal-UE jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA mingħand l-Islanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja biex tadotta miżuri ta' salvagwardja, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jiġi nnotifikat mingħajr telf ta' ħin dwar dan u jkun ipprovdut bl-informazzjoni rilevanti kollha.

Fuq talba ta' Parti Kontrenti, isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Tali konsultazzjonijiet jistgħu wkoll ikunu mitluba fil-każ ta' prolungament tal-miżuri ta' salvagwardja.

Ladarba l-Kummissjoni Ewropea jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun adottat deċiżjoni, din tinnotifika immedjatament il-miżuri meħuda lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Jekk xi waħda mill-Partijiet Kontraenti konċernati tikkonsidra li l-miżuri ta' salvagwardja jkunu sejrin joħolqu żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti, l-Artikolu 114 tal-Ftehim japplika *mutatis mutandis*."

4. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92):

"32 a. **32009 R 1073:** Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 1(2), jiġi ssostitwit b'li ġej:

'Fil-każ ta' ġarr minn Parti Kontraenti lejn pajjiż terz u viċi versa, dan ir-Regolament ma japplikax għal dik il-parti tal-vjaġġ imwettqa fit-territorju tal-Parti Kontraenti ta' ħatt jew ta' tagħbija, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti.'

(b) L-Artikolu 1(3) ma japplikax.

(c) L-Istati tal-EFTA jirrikonoxxu l-liċenzja tal-Komunità maħruġa mill-Istati Membri tal-UE skont ir-Regolament. Għall-għanijiet ta' tali rikonoxximent, fid-dispożizzjonijiet tal-liċenzja tal-Komunità stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament, ir-referenzi għall-'Istat(i) Membru/i' tinqara 'Stati(i) Membru/i tal-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u/jew in-Norveġja.'

(d) Il-Komunità u l-Istati Membri tal-KE jirrikonoxxu l-liċenzji maħruġa mill-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja skont ir-Regolament kif addattat fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

(e) Meta tkun inħarġet mill-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, il-liċenzja tikkorrispondi mal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

(f) It-test tal-Artikolu 16(1)(e) jiġi mibdul ma' dan li ġej:

'VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) jew taxxa fuq il-fatturat fuq servizzi ta' trasport.'"

5. It-test tal-punti 19 (id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE), 25 (id-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 26a (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92), 26c (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3118/93), 32 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92) u 33b (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12/98) huwa mħassar.

Artikolu 2

L-Appendiċi 2, 4 u 7 tal-Anness XIII tal-Ftehim jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (KE) Nru 1073/2009 bl-ilsien Iżlandiż u b'dak Norveġiż, li se jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103 (1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

ANNESS

L-Appendiċi 2, 4 u 7 tal-Anness XIII għall-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. L-Appendiċi 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"APPENDIĊI 2

DOKUMENTI STABBILITI FL-ANNESS TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1072/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL, KIF ADATTATI GĦALL-FINIJIET TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

(ara l-addatament (f) fil-punt 25 tal-Anness XIII tal-Ftehim)

ANNESS II

IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

(a)

(Kulur Pantone ċelesti, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(Test fl-ilsien/ilsna (jew wieħed minnhom) uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li joħorġ il-liċenzja)

Is-sinjal distintiv tal-Istat [1] li qed joħroġ il-liċenzja	Isem l-awtorità jew korp kompetenti

LIĊENZJA Nru …

(jew)

KOPJA VERA ĊERTIFIKATA Nru

għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq f'isem ħadd ieħor

Din il-liċenzja tintitola lil [2] .....

.....

.....

iwettaq trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, f'isem ħadd ieħor, fuq kwalunkwe rotta, għall-vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa f'isem ħadd ieħor fit-territorju tal-Komunità u tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja [3], kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim taż-ŻEE), u skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

Rimarki partikolari:	
.....	
Din il-liċenzja hija valida minn	sa .....
Maħruġa fi ..... ,	nhar .....
..... [4]	

[1] Is-sinjali distintivi huma IS (Islanda), FL (Liechtenstein), (N) in-Norveġja.
[2] Isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tat-trasportatur.
[3] Minn hawn 'il quddiem imsejħin 'l-Istati tal-EFTA'.
[4] Il-firma u s-siġill tal-awtorità jew tal-korp kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzja.

(b)

(It-tieni paġna tal-liċenzja)

(Test fl-ilsien/ilsna (jew wieħed minnhom) uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li joħorġ il-liċenzja)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Din il-liċenzja hija maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE.

Din tintitola lid-detentur iwettaq trasport bit-triq internazzjonali ta' merkanzija f'isem ħadd ieħor fuq kwalunkwe rotta, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Komunità u l-Istati tal-EFTA, u, fejn xieraq, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti hawnhekk:

— meta l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla ikunu jinsabu f'żewġ Stati differenti li jew huma Stati Membri tal-UE jew Stati tal-EFTA, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew l-Istati tal-EFTA jew pajjiżi terzi,

— minn Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA lejn pajjiż terz jew viċi versa, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew minn Stati tal-EFTA jew pajjiżi terzi,

— bejn pajjiżi terzi bi transitu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew ta' Stati tal-EFTA,

u vjaġġi mingħajr tagħbija li għandhom rabta ma' dan it-trasport.

Fil-każ ta' trasport minn Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA lejn pajjiż terz jew viċi versa, din il-liċenzja mhix valida għal dik il-parti tal-vjaġġ imwettqa fl-Istati Membri tal-UE jew fl-Istat tal-EFTA tat-tagħbija jew il-ħatt.

Din il-liċenzja hija personali għad-detentur u mhijiex trasferibbli.

Hija tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-EFTA li jkun ħariġha, partikolarment meta d-detentur:

— ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet kollha għall-użu tal-liċenzja,

— ikun ta informazzjoni li ma kinitx korretta fir-rigward tad-dejta meħtieġa biex tinħareġ jew tiġi estiża l-liċenzja.

L-oriġinal tal-liċenzja jrid jinżamm mill-impriża tat-trasport.

Kopja ċertifikata tal-liċenzja trid tinżamm fil-vettura [1]. Fil-każ ta' grupp magħqud ta' vetturi trid tkun fil-vettura bil-mutur. Hija tkopri vetturi kombinati anke jekk it-trejler jew is-semitrejler ma jkunx irreġistrat jew awtorizzat biex juża t-toroq f'isem id-detentur tal-liċenzja jew jekk ikun irreġistrat jew awtorizzat juża t-toroq fi Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA ieħor.

Il-liċenzja trid tiġi preżentata fuq it-talba ta' kwalunkwe uffiċjal ta' spezzjoni awtorizzat.

Fit-territorju ta' kull Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA, id-detentur għandu jikkonforma mal-liġijiet, mar-regolamenti u mad-disposizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u tat-traffiku.

[1] 'Vettura' tfisser vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat tal-EFTA jew vetturi kombinati, li l-vettura bil-mutur tagħhom ta' mill-anqas tkun irreġistrata fi Stat tal-EFTA, użata esklusivament għat-trasport tal-merkanzija.

ANNESS III

IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

(a)

(Kulur Pantone roża, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar)

(L-ewwel paġna tal-attestazzjoni)

(Test fl-ilsien/ilsna (jew wieħed minnhom) uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li joħorġ l-attestazzjoni)

Is-sinjal distintiv tal-Istat [1] li qed joħroġ l-attestazzjoni	Isem l-awtorità jew korp kompetenti

ATTESTAZZJONI TAX-XUFIER Nru …

għat-trasport ta' merkanzija bit-triq f'isem ħadd ieħor permezz ta' liċenzja tal-Komunità jew liċenzja maħruġa mill-Islanda il-Liechtenstein jew in-Norveġja [2]

(Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija)

Din l-attestazzjoni tiċċertifika li fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati minn:

……

…… [3]

ix-xufier segwenti:

Isem u kunjom ……	
Data u post tat-twelid ……	Nazzjonalità. ……
Tip u numru tar-riferenza tal-karta tal-identità ……	
Data tal-ħruġ ……	Post tal-ħruġ ……
Numru tal-liċenzja tas-sewqan ……	
Data tal-ħruġ ……	Post tal-ħruġ ……
Numru tas-sigurtà soċjali ……	

huwa impjegat, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, mal-ftehimiet kollettivi, skont ir-regoli applikabbli fl-Istat tal-EFTA segwenti, bil-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali ta' xufier applikabbli f'dak l-Istat tal-EFTA sabiex jagħmel operazzjonijiet tat-trasport tat-triq f'dak l-Istat:

…… [4]

Rimarki partikolari ……

……

Din l-attestazzjoni hija valida minn ……	sa ……
Maħruġa fi ……	nhar ……
…… [5]	

[1] Is-sinjali distintivi huma IS (Islanda), FL (Liechtenstein), (N) in-Norveġja.
[2] Minn hawn 'il quddiem imsejħin 'l-Istati tal-EFTA'.
[3] Isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tat-trasportatur.
[4] Isem l-Istat tal-istabbiliment tat-trasportatur.
[5] Il-firma u s-siġill tal-awtorità jew tal-korp kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzja.

(b)

(It-tieni paġna tal-attestazzjoni)

(Test fl-ilsien/ilsna (jew wieħed minnhom) uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li joħorġ l-attestazzjoni)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Din l-attestazzjoni hija maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 kif adattat għall-għanijiet tal-Ftehim taż-ŻEE.

Hija tiċċertifika li x-xufier imsemmi hawnhekk huwa impjegat, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, mal-ftehimiet kollettivi, skont ir-regoli applikabbli fl-Istat tal-EFTA msemmi fl-attestazzjoni, bil-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali ta' xufier applikabbli f'dak l-Istat tal-EFTA sabiex jagħmel operazzjonijiet tat-trasport tat-triq f'dak l-Istat.

L-attestazzjoni tax-xufier tappartjeni lit-trasportatur, li jagħmilha għad-disposizzjoni tax-xufier imsemmi fiha meta dak ix-xufier isuq vettura [1] użata fit-trasport bl-użu ta' liċenzja Komunitarja jew liċenzja minn Stat tal-EFTA maħruġa lil dak it-trasportatur. L-attestazzjoni tax-xufier mhijiex trasferibbli. L-attestazzjoni tax-xufier tkun valida biss sakemm il-kondizzjonijiet li tkun inħarġet taħthom ikunu għandhom issodisfati u trid tintbagħat minnufih lura mit-trasportatur lill-awtoritajiet tal-ħruġ jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jibqgħux issodisfati.

Tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-EFTA li jkun ħarġiha, partikolarment meta d-detentur:

— ma jkunx ikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha għall-użu tal-attestazzjoni,

— ikun issupplixxa informazzjoni mhix korretta fir-rigward tad-dejta meħtieġa għall-ħruġ jew l-estensjoni tal-attestazzjoni.

Kopja ċċertifikata awtentika tal-attestazzjoni trid tinżamm mill-impriża tat-trasportatur.

Attestazzjoni oriġinali trid tinżamm fil-vettura u trid tiġi preżentata mix-xufier fuq talba ta' kwalunkwe uffiċjal tal-ispezzjoni awtorizzat.

[1] 'Vettura' tfisser vettura bil-mutur irregistrata fi Stat tal-EFTA jew vetturi kombinati, li l-vettura bil-mutur tagħhom ta' mill-anqas tkun irreġistrata fi Stat tal-EFTA, użata esklusivament għat-trasport tal-merkanzija."

2. L-Appendiċi 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"APPENDIĊI 4

DOKUMENTI STABBILITI FL-ANNESS TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1073/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL, KIF ADATTATI GĦALL-FINIJIET TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

(ara adattament (e) fil-punt 32 tal-Anness XIII tal-Ftehim)

ANNESS II

IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

(a)

(Kulur Pantone ċelesti, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew aktar)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(It-test bil-lingwa/i uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li qed joħroġ il-liċenzja)

Is-sinjal distintiv tal-Istat [1] li qed joħroġ il-liċenzja	Isem l-awtorità jew korp kompetenti

LIĊENZJA Nru …

(jew)

KOPJA ĊERTIFIKATA AWTENTIKA Nru

għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ jew bix-xarabank f'isem ħadd ieħor

Id-detentur ta' din il-liċenzja [2] ……

……

……

huwa awtorizzat jopera trasport internazzjonali ta' passiġġieri bit-triq f'isem ħadd ieħor fit-territorju tal-Komunità u l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja [3] skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE), u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

Kummenti: ……	
……	
Din il-liċenzja hija valida minn ……	Sa ……
Maħruġa fi ……	Nhar ……
…… [4]	

[1] Is-sinjali distintivi huma IS (Islanda), FL (Liechtenstein), (N) in-Norveġja.
[2] Isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tat-trasportatur.
[3] Minn hawn 'il quddiem imsejħin 'l-Istati tal-EFTA'.
[4] Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew il-korp kompetenti li qed t/joħroġ il-liċenzja.

(b)

(It-tieni paġna tal-liċenzja)

(It-test bil-lingwa/i uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li qed joħroġ il-liċenzja)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Din il-liċenzja hija maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 kif adattat għall-għanijiet tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. Din il-liċenzja qed tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-EFTA tal-istabbiliment tat-trasportatur li jopera f'isem ħadd ieħor li:

   (a) huwa awtorizzat fl-Istat tal-EFTA fejn huwa stabbilit biex iwettaq ġarr permezz ta' servizzi regolari, inklużi servizzi regolari speċjali, jew servizzi okkażjonali bil-kowċ u x-xarabank;

   (b) jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skont ir-regoli tal-Komunità, kif adattati għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE, dwar id-dħul għall-professjoni ta' operatur tat-trasport ta' passiġġieri bit-triq f'operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali u internazzjonali;

   (c) jissodisfa r-rekwiżiti legali dwar l-istandards għax-xufiera u l-vetturi.

3. Din il-liċenzja tippermetti t-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank f'isem ħadd ieħor fuq ir-rotot kollha għal vjaġġi li jsiru fit-territorju tal-Komunità u l-Istati tal-EFTA:

   (a) meta l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla ikunu jinsabu f'żewġ Stati differenti li jew huma Stati Membri tal-UE jew Stati tal-EFTA, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru tal-UE wieħed jew aktar jew l-Istati tal-EFTA jew pajjiżi terzi,

   (b) meta l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla jkun fl-istess Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA, filwaqt li t-trikkib u l-inżul tal-passiġġiera jkunu fi Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA ieħor jew f'pajjiż terz;

   (c) minn Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA lejn pajjiż terz u viċi versa, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA wieħed jew aktar jew pajjiżi terzi;

   (d) bejn pajjiżi terzi fejn waqt it-transitu jinqasam it-territorju ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Stat tal-EFTA wieħed jew aktar;

   u vjaġġi battala b'konnessjoni ma' operazzjonijiet ta' trasport skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim taż-ŻEE.

   Fil-każ ta' operazzjoni tat-trasport minn Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA lejn pajjiż terz u viċi versa, din il-liċenzja ma tapplikax għal dik il-parti tal-vjaġġ imwettqa fl-Istat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA minn fejn irikkbu jew iniżżlu.

4. Din il-liċenzja hija personali u mhux trasferibbli.

5. Il-liċenzja tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-EFTA li ħariġha partikolarment meta t-trasportatur:

   (a) ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009;

   (b) ikun ta informazzjoni mhux preċiża rigward id-dejta meħtieġa għall-ħruġ jew it-tiġdid tal-liċenzja;

(c) ikun wettaq ksur serju wieħed jew aktar tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-trasport bit-triq, kif adattata għall-finijiet tal-Ftehim taż-ŻEE f'kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA, b'mod partikolari rigward ir-regoli applikabbli għall-vetturi, il-ħin tas-sewqan u l-perjodi tal-mistrieħ għax-xufiera u l-provvista mingħajr awtorizzazzjoni ta' servizz parallel jew temporanju, kif imsemmi fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-EFTA tal-istabbiliment tat-trasportatur li jkun ikkommetta dan il-ksur jistgħu, *inter alia*, jirtiraw il-liċenzja jew jirtiraw temporanjament jew permanentament xi whud minn jew il-kopji ċertifikati awtentiċi kollha tal-liċenzja.

Dawn il-penali jiġu deċiżi skont is-serjetà tal-ksur li jkun wettaq id-detentur tal-liċenzja u skont l-għadd ta' kopji ċertifikati awtentiċi li jkollu fir-rigward is-servizzi tat-trasport internazzjonali tiegħu.

6. Il-kopja oriġinali tal-liċenzja trid tinżamm mit-trasportatur. Il-kopja ċertifikata awtentikata tal-liċenzja trid tinżamm fil-vettura li tkun qed twettaq operazzjoni ta' trasport internazzjonali.

7. Din il-liċenzja trid tiġi murija meta tintalab minn kwalunkwe uffiċjal tal-ispezzjoni awtorizzat.

8. Id-detentur irid, fit-territorju ta' kull Stat Membru tal-UE jew Stat tal-EFTA, jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-traffiku.

9. 'Servizzi regolari' tfisser servizzi li jipprovdu għat-trasport ta' passiġġieri f'intervalli speċifikati fuq rotot speċifiċi, passiġġieri li jitrikkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati, u li huma miftuħa għal kulħadd, bla ħsara, fejn ikun xieraq, għal prenotazzjoni obbligatorja.

In-natura regolari tas-servizz ma tiġix affettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operazzjonali tas-servizz.

Servizzi regolari jeħtieġu awtorizzazzjoni.

'Servizzi regolari speċjali' tfisser servizzi regolari, organizzati minn min ikun, li jipprovdu għat-trasport ta' kategoriji speċifiċi ta' passiġġieri, bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, f'intervalli speċifiċi, fuq rotot speċifiċi, filwaqt li l-passiġġieri jitrikkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati.

Servizzi regolari speċjali għandhom jinkludu:

(a) it-trasport ta' ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol;

(b) it-trasport ta' tfal tal-iskola u studenti lejn u minn istituzzjonijiet edukattivi.

Il-fatt li servizz speċjali jista' jiġi mibdul skont il-ħtiġijiet tal-utenti ma għandux jaffettwa l-klassifika tiegħu bħala servizz regolari.

Is-servizzi regolari speċjali ma għandhomx bżonn awtorizzazzjoni jekk dawn ikunu koperti b'kuntratt bejn l-organizzatur u t-trasportatur.

L-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji, li jaqdu lill-istess pubbliku bħal servizzi regolari eżistenti, jeħtieġu awtorizzazzjoni.

'Servizzi okkażjonali' tfisser servizzi li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun li dawn jġorru gruppi ffurmati bl-inizjattiva ta' konsumatur jew tat-trasportatur innifsu. L-organizzazjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji komparabbli ma' servizzi regolari eżistenti u li jaqdu lill-istess pubbliku bħal tal-aħħar għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009. Dawn is-servizzi ma jifqux ikunu servizzi okkażjonali fuq il-bażi biss li dawn jiġu provduti f'ċerti intervalli.

Is-servizzi okkażjonali ma jeħtiġux awtorizzazzjoni."

3. L-Appendiċi 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"APPENDIĊI 7

ĊERTIFIKAT IMSEMMI FL-ANNESS III TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1071/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL, KIF ADATTAT GĦALL-FINIJIET TAL-FTEHIM ŻEE

(ara addattament (D) fil-punt 19 tal-Anness XIII tal-Ftehim)

ANNESS III

IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

(Kulur Pantone stout fawn — Format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m² jew iżjed)

(Test fil-lingwa/i uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat tal-EFTA li joħroġ iċ-ċertifikat)

Sinjal distintiv tal-Istat tal-EFTA (1)

Isem tal-awtorità jew tal-korp awtorizzat (2)

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI FIT-TRASPORT BIT-TRIQ TAL-MERKANZIJA/TAL-PASSIĠĠIERI (3)

Nru .....

Aħna .....

b'dan niċċertifikaw li (4) .....

imwieled nhar ..... fi .....

għadda b'suċċess it-testijiet tal-eżaminazzjoni (sena: ...; sezzjoni: ...) (5) meħtieġa għall-għoti taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali fit-trasport bit-triq tal-merkanzija/tal-passiġġieri (3) skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq (6), kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE.

Dan iċ-ċertifikat jikkostitwixxi prova suffiċjenti ta' kompetenza professjonali li jirreferi għaliha l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

Maħruġ fi ....., nhar ..... (7)

(1) Is-sinjali distintivi huma IS (Islanda), FL (Liechtenstein), (N) in-Norveġja.
(2) Awtorità jew korp innominat minn qabel għal dan il-għan minn kull Stat tal-EFTA li joħroġ dan iċ-ċertifikat.
(3) Aqta' kif xieraq.
(4) Kunjom u isem; post u data tat-twelid.
(5) Identifikazzjoni tal-eżami.
(6) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
(7) Timbru u firma tal-awtorità jew il-korp awtorizzat biex joħroġ iċ-ċertifikat."